**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **760/2021 (AD)**

**EDWARD CARUANA**

**vs**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**
**L-AVUKAT ĠENERALI**
**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meqjusa fid-dawl tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2021, ir-rikorrent **Edward Caruana** ppremetta:

   a. Illi fil-5 ta' Diċembru 2017, ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat talli fost oħrajn allegatament għamel atti ta' korruzzjoni u reati oħra kontemplati fil-Kodiċi Kriminali;

   b. Illi permezz ta' digriet tal-10 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jiġu ffriżati l-assi kollha tar-rikorrent u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali li jagħmel referenza għall-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

   c. Illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fit-28 ta' April 2021;

   d. Illi permezz ta' rikors intavolat fit-22 ta' Ottubru 2021, id-difiża ppremettiet li in vista ta' xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala, fejn ġie kkonfermat li ma għaddew ebda flejjes fir-rigward tal-allegazzjonijiet li jeżistu kontra r-rikorrent, l-iffriżar tal-assi ta' Caruana ma jservi ebda skop raġonevoli u għalhekk din il-miżura hija għal kollox irrita u mhux *prima facie* ġustifikata. Illi għal dawn ir-raġunijiet, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha li bih laqgħet it-talba għall-iffriżar tal-assi tar-rikorrent (rikors anness mar-rikors kostituzzjonali u mmarkat **Dok A**);

   e. Illi l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu sostna li l-liġi Maltija ma tagħti l-ebda possibilita' lill-Qorti sabiex tirrevoka l-Ordni *pendente lite* (risposta annessa mar-rikors kostituzzjonali u mmarkata **Dok B**);

   f. Illi konsegwentement, fid-digriet tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja irrimarkat li huwa biss fir-rigward ta' ordni ta' sekwestru, u mhux ta' Iffriżar (li hu l-każ odjern) li l-leġislatur ħaseb għar-revoka ta' din l-ordni. Il-Qorti kompliet billi spjegat li fil-każ in

eżami, huwa l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 li huwa applikabbli, liema artikolu *"jipprovdi biss li l-Qortit tista'* ***tvarja dak l-ordni u mhux addirittura tirrevokah pendente lite***". Illi konsegwentement, saret referenza għall-artikolu 5(2) li jsostni li l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar għandha <u>tibqa' fis-seħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklussiv</u>. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat għar-revoka tal-ordni t'iffriżar impost fuqu (digriet anness mar-rikors kostituzzjonali u mmarkat **Dok C**);

g. L-Ewwel Qorti pero' fehmet illi l-Ordni ta' l-Iffriżar ma kienx ġustifikat jew ma kienx għadu ġustifikat, tant li minkejja li ma setgħetx tirrevokah, illimitat l-effetti tal-Ordni għall-ammont nominali u arbitrarju ta' Eur 5,000 u lliberat l-assi kollha l-oħra tar-rikorrent;

h. Illi jirriżulta għalhekk:

    i. Illi Prosekuzzjoni kienet taf mill-bidunett illi flus ma għaddewx fl-allegat reat u konsegwentement, anke jekk *dato ma non concesso*, kien xi reat, ma kien hemm ebda qliegħ jew proventi ta' reat. Isegwi għalhekk illi l-ordni ta' ffriżar **<u>qatt ma kellha bażi legali u leġittima u bdiet isservi biss bħala miżura vessatorja drakonjana</u>**;

    ii. Illi meta kienet id-difiża li ssollevat dan il-punt, ġie kkonfermat illi l-liġi **ma tippermettix ir-revoka ta' ordni ta' iffriżar minkejja din nħarġet skorrettament u għad għandu Ordni ta' Ffriżar għalxejn fil-konfront tiegħu (iżda llum limitat fl-effett tiegħu)**;

i. Illi l-għan ewlieni tal-ordni ta' Qbid u Ffriżar huwa sabiex min jagħmel reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delikwenza – kemm mid-diċitura tal-liġi penali kif ukoll dik tad-dritt komunitarju, huwa evidenti li l-iffriżar tal-assi ta' persuna mixlija b'reat rilevanti hija mezz kawtelatorju intiża sabiex iżżomm lil dik il-persuna milli tiddisponi minn proprjeta' jew flejjes li jistgħu jidderivaw minn xi attivita'

kriminali. Illi għalhekk meta jinqabdu assi li ma jistgħu qatt raġjonevolment jirriżultaw li ġew minn attivita' kriminali jew sħaansitra jirriżulta li l-imputat m'għandux fil-patrimonju tiegħu ebda forma ta' qliegħ illeċitu (bħal każ in eżami), l-ordni ta' qbid u ffriżar f'każijiet bħal dawn, mhux talli ma sservix l-għan leġittimu tagħha, talli sservi biss bħala strument ta' **oppressjoni** u tikkawża **preġudizzju** kbir lill-imputat bl-indħil tal-Istat fl-użu ta' proprjeta' leġittimament minnu akkwistata, liem indħil jimpinġi fuq id-drittijiet fondamentali tiegħu;

j. Illi jiġi rrilevat li d-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja dwar l-Iffriżar u l-Konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li tali ordni tista timpinġi fuq id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' tant li fi premessa 31 hemm dikjarat is-segwenti: *"minħabba li l-ordnijiet ta' ffriżar joħolqu limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjeta', dawn il-miżuri proviżorji* ***m'għandhomx jinżammu fis-seħħ aktar minn kemm ikun meħtieġ*** *biex tiġi ppreservata d-disponibilita' tal-proprjeta' fid-dawl tal-possibilta' li tiġi kkonfiskata sussegwentement.* ***Dan jista' jkun jeħtieġ li ssir rieżami mill-qorti sabiex jiġi żgurat li l-għan li l-proprjeta' ma tintefaqx ikun għadu validu****".*

k. Illi minkejja li d-direttiva tagħti l-possibilta' ta' rieżami tal-ordni, jidher li l-liġijiet tagħna mhux talli ma pprovdewx għal din il-possibilta', talli l-liġi Maltija ssostni li l-ordni tibqa' fis-seħħ sal-pronunzjament finali tal-kawża. Illi fil-fatt dan il-punt ġie ammess mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu, u saħansitra kkonfermat mill-Qorti tal-Maġistrati fid-digriet suriferit;

l. Illi minkejja dan, u stante li l-liġi tagħna ma tagħtix lok għar-revoka, il-Qorti spiċċat f'pożizzjoni fejn kellha idejha marbuta u ma setgħetx tirrevoka t-tali ordni li mhijiex bl-ebda mod isservi l-għan leġittimu tagħha, anzi, a contrario, **qiegħda sservi biss sabiex tilledi b'mod sfaċċjat id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' tar-rikorrenti** taħt l-

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni stante n-nuqqas ta' proporzjonalita', u dan kif anke rikonoxxut fid-Direttiva Ewropea;

m. Illi dan l-istat leżiv mingħajr ebda possibilita' ta' revoka qiegħed jikkawża preġudizzju kbir lir-rikorrenti;

n. Illi sinomatiku ma' dan, jiġi rilevat ukoll li l-Kapitolu 373 u l-Kapitolu 621 ma jippermettux lill-imputat l-opportunita', fil-mori tal-proċeduri kriminali, li **jirribatti l-preżunzjoni jew tal-inqas iġib provi sabiex juri s-sors leġittimu ta' assi li ġew akkwistati qabel l-akkuża.** Fil-fatt l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta jsostni li huwa biss wara li l-proċeduri kriminali jintemmu li l-imputat jista' jitlob lura assi li ma setgħu qatt jifformaw parti mir-rikavat kriminali. Illi lanqas ma hu sew li r-rikorrent ikun imċaħħad mill-proprejta' tiegħu sal-pronunzjament finali tal-kawża, speċjalment meta fil-każ in eżami ġie pruvat li r-rikorrent m'għandu l-ebda qliegħ illeċitu;

o. Illi minkejja li l-liġi tippermetti varjazzjoni u cioe l-Qorti tista' biss tippermetti transazzjonijiet waħdiena b'mod eċċezzjonali fejn meħtieġ, dan xorta waħda ma jsolvix il-lanjanza. Fil-fatt m'hemm l-ebda rimedju li jagħti lok li *pendente lite* tiġi llimitata u/jew revokata l-ordni ta' qbid u ffriżar u jiġu liberati l-assi u dan anke **meta saħansitra jiġi ppruvat li m'hemm ebda rikavat kriminali**;

p. Illi dan l-istat ta' fatt, mingħajr mekkaniżmu ta' limitazzjoni jew saħansitra tħassir fejn meħtieġ, l-istat assolut li toħloq il-liġi, huwa leżiv għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

q. L-effetti kumulattivi ta' l-aġir ta' l-Avukat Ġenerali li talab ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar għal xejn u mingħajr bażi legali, kif ukoll il-fatt illi l-liġi ma tippermettix ir-revoka tagħha, kellha effetti preġudizzjali serji fil-ħajja tar-rikorrenti u l-familja tiegħu li la setgħu jagħmlu użu minn faċilitajiet bankarji (lanqas dawk bażiċi), la setgħu iħallsu kontijiet, assikurazzjoni u liċenzji tal-vetturi tagħhom, u bil-kemm kellhom flus

biex jixtru dak meħtieġ biex jgħixu. L-effetti kienu sproporzjonati, estremi, mhux raġjonveoli u r-rikorrent ma kellu ebda rimedju. Dan kollu ħoloq danni kbar morali u reali għar-rikorrent;

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddikjara u tiddeċiedi li għar-raġunijiet premessi hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

   ii. Tiddikjara u tiddeċiedi li għar-raġunijiet premessi hemm ksur ta' dritt tar-rikorrenti għal aċċess xieraq għal Qorti, u għalhekk hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijeit tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u dan stante li r-rikorrent m'għandux rimedju ġust u effettiv li permezz tiegħu l-Qorti tista' tordna t-tħassir tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar;

   iii. Tiddikjara u tiddeċiedi li għar-raġunijiet premessi hemm ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq kif sanċit f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

   iv. Tiddikjara u tiddeċiedi li bl-aġir tagħhom, l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija kisru d-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti fl-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

   v. Tħassar u tirrevoka l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar imposta fuq l-imputat;

   vi. Tillikwida danni materjali u dawk mhux pekunjarji u tordna lill-intimati jew min minnhom iħallas id-danni hekk likwidati;

vii. Tagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

Bl-ispejjeż;

4. B'digriet mogħti nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru 2021, l-**Avukat tal-Istat**, l-**Avukat Ġenerali** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** eċċepew:

   a. Illi, in suċċint, ir-rikorrent tressaq b'taħrika quddiem il-Qorti tal-maġistrati bħala Qorti Istruttorja mixli: li kkommetta reat kontinwat, b'assoċjazzjoni, b'estorsjoni u b'korruzzjoni, li esiġa l-flus kontra l-Liġi waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala uffiċċjal / impjegat pubbliku, u li uża dokumenti foloz. Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li nħareġ Ordni tal-Iffriżar tal-Assi fil-11 ta' Jannar 2018 fil-konfront tiegħu u li tali Ordni ma jistax legalment jitneħħa qabel ma huwa jiġi ġġudikat. Jallega għalhekk li huwa qiegħed ibati minn ksur tad-dritt għal smigħ xieraq hekk kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jallega li sofra u qiegħed isofri minn privazzjoni tal-proprjeta' tiegħu bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokoll tal-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni. Jallega li d-dritt fundamentali għar-rimedju effettiv hekk kif sanċit fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni qiegħed ukoll jiġi leż;

b. Illi l-intimati kienu qegħdin, tramite din ir-risposta, jirrispinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom, stante li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

c. Illi jibda biex jingħad li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li *'kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi'.* L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-intimati jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

d. Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

e. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-intimati ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-intimati aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri imposti mil-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;

f. Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewoprea, l-intimati jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx

preġudizzju fil-proċeduri tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Tant huwa hekk li huwa kellu l-jedd mogħti lilu mil-liġi penali, senjatament **<u>mill-Artikolu 23A subinċiż 5 tal-Kap 9, biex jikkontesta l-Ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar fi żmien tlett ijiem mid-data ta' meta saret l-Ordni, u jitlob ir-revoka tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali</u>**. Jekk huwa għamilx użu minn dan il-jedd *o meno* hija ħaġa oħra. Apparti minn hekk, fi kwalunkwe ħin matul il-proċeduri jista' jitlob varjazzjoni. Ir-rikorrent għamel diversi talbiet għal varjazzjoni li ntlaqgħu. L-aħħar talba għal varjazzjoni saret wara li l-Maġistrat semgħet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrent irnexxilu jnaqqas l-ammont maqbud bl-ordni tal-Iffriżar għal ammont nominali. Għalhekk, meta wieħed iqis il-proċess ġudizzjarju fis-sħiħ tiegħu, ma jirriżultax li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq minħabba l-fatt waħdu li huwa kellu l-opportunita' kollha sabiex jitlob ir-revoka tal-ordni quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien tlett ijiem mill-ħruġ ta' tali Ordni, u jitlob għat-tnaqqis tal-ammont imblukkat fi kwalunkwe stadju matul is-smigħ tal-kawża;

g. Illi f'dan il-kuntest, ir-rikorrent ma jgħidx sew illi l-Avukat Ġenerali talab ħruġ ta' Ordni tal-Iffriżar għalxejn u mingħajr bażi legali. L-intimati formalment jeċċepixxu illi t-talba għall-imblukkar tal-proprjeta' hija prerogattiva tal-Prosekuzzjoni u l-mekkaniżmu ta' kif tintlaqa' mill-Qorti huwa sanċit fil-Kodiċi Kriminali. Ibda biex, l-Uffiċjali Prosekutur f'din il-kawża ma kienx l-Avukat Ġenerali, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali ma talabx l-Ordni tal-Iffriżar. Minbarra dan, ir-rikorrent ma ġiex mixli b'reati kwalsiasi. L-imputazzjonijiet addebitati lir-rikorrent huma ta' natura serja b'indoli finanzjarji u l-Kodiċi Kriminali, senjatament l-Artikolu 23A(1) jikklassifikahom bħala reati rilevanti. A tenur tal-Artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali, reat rilevanti huwa reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja u li jġorr miegħu piena ta' sena priġunerija jew iktar. F'dan id-dawl, jidher ċar li l-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Mlata joffri l-bażi legali għat-talba għal ħruġ ta' Ordni tal-Iffriżar, u jagħti l-awtorita' lill-ġudikant sabiex jimblokka l-proprjeta' tal-akkużat sakemm ikun hemm sentenza finali fil-konfront tiegħu;

h. Illi fil-kawża *Il-Pulizija vs Edward Caruana*, l-Artikoli ġew maħruġa fit-8 t'Ottubru 2020. Ir-rikorrent ma jgħidx sew illi l-Ispettur Rennie Stivala kkonferma *"li ma għaddew ebda flus fir-rigward tal-allegazzjonijiet li jeżistu kontra l-esponent"*. Din l-affermazzjoni ma hijiex preċiża u hija maħruġa totalment barra mill-kuntest;

i. Illi **<u>l-Ispettur li kkonduċa l-investigazzjonijiet kellu kull jedd u obbligu biex fil-preżentata jitlob Ordni tal-Iffriżar ladarba r-reati kienu reati rilevanti</u>**. L-Ordni tal-Iffriżar tintalab meta l-Prosekutur ikollu *a reasonable cause to suspect* li persuna hija ħatja ta' reat rilevanti, u li kieku ma kellux *a reasonable cause to suspect*, huwa ma kienx iressaq lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja biex jiġi ġġudikat. Kieku ma kienx hemm ħjiel raġonevoli fuq xiex isejjes *reasonable cause ot suspect*, ma kienx itella' provi li jikkonvinċu lill-Qorti Istruttorja biex toħroġ id-digriet *prima facie*. *Di piu*, meta l-Prosekutur talab l-imblukkar tal-proprjeta' tar-rikorrent, il-Qorti kellha s-setgħa tilqa' t-talba jew tiċħadha u minflok tagħmel ordni temporanja a tenur tal-Artikolu 23A(3) tal-Kap 9. Il-Liġi penali nostrana tagħti l-prerogattiva lill-ġudikant sabiex jiddeċiedi 'xinhu għaqli li jsir fiċ-ċirkostanzi;

j. Illi f'dan il-kuntest, ir-rikorrent ma jgħidx sew illi l-Ordni tal-Iffriżar intużat bħala *"strument ta' oppressjoni"*. **<u>Ordni tal-Iffriżar ma hijiex piena, iżda miżura kawtelatorja</u>**. L-iskop ta' Ordni tal-Iffriżar huwa biex il-flejjes kollha (għajr €13,976.24 kull sena) u l-mobbli dovuti lir-rikorrent jew li jappartjenu lill-akkużat u li jinsabu f'idejn terzi jiġu ffriżati. L-iskop ta' Ordni tal-Iffriżar hija li tipprojbixxi lil-akkużat milli jittrasferixxi, jippleġġja jew jipoteka jew jiddisponi b'xi mod ieħor mill-proprjeta' mobbli jew immobbli tiegħu;

k. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jingħad li skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jippromulga dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' fl-interes

sġenerali. F'dan is-sens l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika u jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa. Sewwasew fil-każ odjern: (i) hemm għan leġittimu li joħroġ mil-liġi, senjatament mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u (ii) huwa fl-interess ġenerali għax huwa maħsub biex matul il-proċeduri l-akkużat ma jiddisponix mill-assi tiegħu, u biex wara li jingħata *due process* u meta u jekk ikun hemm sentenza aħħarija ta' ħtija, il-ħati ma jgawdix minn frott mhux mistħoqq. B'hekk, l-intimati ma jarawx kif ir-rikorrent jista' b'mod konvinċenti jilmenta li ġarrab xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu kontra l-Ewwel Aritkolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba miżura kawtelatorja;

l. Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jgħodd biss meta jkun hemm teħid imġiegħel tal-proprjeta'. Tassew sabiex wieħed ikun jista' jitkellem dwar teħid imġiegħel, persuna trid tiġi mneżżgħa minn kull dritt li għandha fuq dik il-porprjeta', bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni, jew ordni ta' konfiska. Pero dan mhuwiex il-każ hawnhekk, għaliex bl-applikazzjoni tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent ma tilifx għal kollox il-jeddijiet kollha tiegħu fuq il-ġid in kwistjoni. Ġidu ġie ffirżat sakemm ikun hemm sentenza aħħarija ta' ħtija *o meno* fil-konfrront tiegħu. Sallum għad ma hemmx sentenza minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali fil-konfront tiegħu għaliex il-każ *Il-Pulizija vs Edward Caruana* **għadu ma ġiex deċiż**. Isegwi għalhekk li r-rikorrent ma sofra minn ebda privazzjoni ta' ġidu u ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd tiegħu a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

m. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artitkolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi s-segwenti:

*'Kull min ikollu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali għalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'*

L-ordinament ġuridiku penali Malti jipprovdi li meta persuna tħossha aggravata minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza dwar il-Ħruġ ta' Ordni tal-Iffriżar, tista' a tenur tal-Artikolu 23A subinċiż 5 tal-Kap 9, tikkontesta u titlob ir-revoka tal-Ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar fi żmien tlett ijiem mid-data ta' meta saret l-Ordni quddiem il-Qorti Kriminali. Jekk ir-rikorrent utilizzax dan ir-rimedju o meno hija ħaġa oħra. Apparti minn hekk, fi kwalunkwe stadju matul il-proċeduri l-akkużat jista' jitlob varjazzjoni tal-ordni tal-Iffriżar. Ir-rikorrent kellu dan ir-rimedju, użah u rnexxielu jikkonvinċi lill-Qorti tal-Maġistrati biex tvarja l-ordni tal-Iffriżar. Il-Leġislatur bl-ebda mod ma ppreġudika d-drittijiet tar-rikorrent meta waqaf milli jagħti rimedji ulterjuri. Il-Leġislatur għandu kull dritt jiddeċiedi u jaqta' linja kif wara kollox dejjem jagħmel biex jiddetermina sa fejn persuna tista' tibqa' ġġebbed l-ilment tagħha. Il-fatt li r-rikorrent ma huwiex sodisfatt għax jagħti l-każ li ma utilizzax ir-rimedji kollha għad-disposizzjoni tiegħu fi żmien propizju, ma jfissirx li l-liġi nostrana hija *'lacking'*. Ma jfissirx li l-Istat jew xi organu tiegħu naqas milli jagħti smigħ xieraq lir-rikorrent u/jew milli jagħtih rimedju effettiv;

n. Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6, 13 u l-Ewwel Protokoll tal-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-intimati jsostnu li r-rikorrent ma sofra u ma qiegħed isofri minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, u li l-ordinament ġuridiku penali Malti ma huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali;

o. Illi ladarba ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali, jsegwi għalhekk li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din il-Qorti;

p. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

6. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, l-intimati talbu lil din il-Qorit tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Edward Caruana datat tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) Rikors ta' Edward Caruana datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021 fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Edward Caruana* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja presjeduti mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech u digriet tal-istess Qorti datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021 (**Dok A** a fol 5-6 tal-proċess); (b) risposta tal-Avukat Ġenerali għar-rikors ta' Edward Caruana datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021 suriferit (**Dok B** a fol 7-8 tal-proċess); (c) digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2020 għar-rikors ta' Edward Caruana datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021 (**Dok C** a fol 9-10 tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija għar-rikors Kostituzzjonali, datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru 2021;

9. Rat in-nota ta' **Edward Caruana** datata tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022, illi permezz tagħha esebixxa affidavit tiegħu stess (a fol 36-40 tal-proċess) u numru ta' dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) kopja tal-verbal tal-għaxra (10) ta' Jannar 2018 fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Edward Caruana* (Każ Nru 475/2017) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġ Donatella Frendo Dimech (**Dok A** a fol 41-42 tal-proċess); (b) kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Ispettur Rennie Stivala fl-istess proċeduri nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2021 (**Dok B** a fol 43 tal-proċess); (c) kopja ta' *contract of service* illi permezz tiegħu Edward Caruana ġie impjegat bħala *Head of Summer Projects, Maintenance Division and CoOrdination Unit'* mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (**Dok C** a fol 44 *et seq* tal-proċess);

(d) kopja ta' ittra illi permezz tagħha Edward Caruana ġie informat illi huwa kien sospiż mill-impjieg tiegħu, u s-salarju tiegħu ridott għal nofs dak li kien, in konsiderazzjoni tat-taħrika maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Pulizija (**Dok D** a fol 52 tal-proċess); (e) rapport maħruġ minn Alex Agius għan-nom ta' Lamima Consultancy Services Ltd dwar it-telf illi sofra d-dħul finanzjarju ta' Edward Caruana per kawża tal-Ordni ta' Ffriżar maħruġa fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu (**Dok E** a fol 53 *et seq* tal-proċess); (f) affidavit tal-Perit Aldo Caruana illi permezz tiegħu ikkonferma bil-ġurament ir-rapport anness mal-istess affidavit dwar il-valur lokatizju ta' proprjetajiet tar-rikorrent (**Dok F** a fol 106-107 tal-proċess); (g) *independent tax audit* maħdum minn Alex Agius dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Edward Caruana bejn il-31 ta' Diċembru 2007 u l-31 ta' Diċembru 2016 (**Dok G** a fol 108 *et seq* tal-proċess); (h) ċertifikati mediċi illi juru illi mart ir-rikorrent tbati minn kundizzjoni medika (**Dok H** a fol 108 *et seq* tal-proċess); (i) ċertifikat mediku illi juri illi r-rikorrent ibati minn stress u ansjeta' per kawża tal-proċeduri ġudizzjarji meħuda fil-konfront tiegħu (**Dok I** a fol 123 tal-proċess);

10. Rat il-kopji legali ta' numru ta' folji mill-atti tal-proċeduri Kriminali meħuda fil-konfront ta' Edward Caruana, esebiti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fuq talba tar-rikorrent milqugħha minn din il-Qorti fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2022, a fol 126 *et seq* tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Dorianne Tanti** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2022[1], u rat id-dokumenti minnha esebiti, u cioe (a) *statement* ta' Savings Account (**Dok DT1** a fol 197-198 tal-proċess); u (b) *statemnet* ta' Current Account (**Dok DT2** a fol 199-200 tal-proċess);

12. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-HSBC Malta plc waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2022[2], u rat l-*istatement* minnha esebit ta' Current Account f'isem

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 192 *et seq* tal-proċess.
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 201 *et seq* tal-proċess.

ir-rikorrent u martu illi ngħalaq f'Diċembru 2021, immarkat bħala **Dok LA1** a fol 204 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Malcolm Bondin** in rappreżentanza ta' MZ Investments Services Limited waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2022[3], u rat id-dokumenti minnu esebiti, u cioe: (a) *valuation* tal-*portfolio* miżmum f'isem ir-rikorrent u martu datata 12 ta' Jannar 2018 (**Dok MB1** a fol 247 tal-proċess); (b) *statement* tal-istess *portfolio* datat 31 ta' Diċembru 2018 (**Dok MB2** a fol 248 tal-proċess); (c) *statement* tal-istess *portfolio* datat 31 ta' Diċembru 2019 (**Dok MB3** a fol 249 tal-proċess); (d) *statement* tal-istess *portfolio* datat 31 ta' Diċembru 2020 (**Dok MB4** a fol 250 tal-proċess); u (e) *statement* tal-istess *portfolio* datat 16 ta' Novembru 2021 (**Dok MB5** a fol 251 tal-proċess);

14. Rat l-affidavits ta' **Eugenia Caruana** (a fol 259 tal-proċess), **Neil Caruana** (a fol 260 *et seq* tal-proċess) u ta' **Gary Caruana** (a fol 272 *et seq* tal-proċess);

15. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Joanne Bartolo** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc waqt is-seduta tat-tnax (12) t'April 2022[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti, cioe: (a) *sanction letter* dwar self meħud mill-Bank of Valletta plc minn Neil Caruana (**Dok JB1** a fol 287 *et seq* tal-proċess); (b) *statement* ta' *loan account* f'isem Gary Caruana (**Dok JB2** a fol 293 *et seq* tal-proċess); (c) *sanction letter* dwar self meħud mill-Bank of Valletta plc minn Gary Caruana (**Dok JB2** a fol 297 *et seq* tal-proċess); u (d) *statement* ta' *loan account* f'isem Neil Caruana (**Dok JB4** a fol 303 *et seq* tal-proċess);

16. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Donna Zammit** in rappreżentanza tal-MSV Life waqt is-seduta tat-tnax (12) t'April 2022[5], u t-tliet dokumenti minnha esebiti mmarkati **Dok DZ1, DZ2 u DZ3** a fol 311 *et seq* tal-proċess;

---

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 241 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 283 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 307 *et seq* tal-proċess

17. Rat illi **Dok C anness mar-rikors Kostituzzjonali ġie sostitwit b'dokument ieħor illi huwa identiku salv għal korrezzjoni fid-data, illi minn *'2 ta' Novembru 2020'* ġiet korretta għal *'2 ta' Novembru 2021'*, liema korrezzjoni saret mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech nhar it-tnejn (2) ta' Mejju 2022** (digriet kif korrett jinsab a fol 316-317 tal-proċess);

18. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija minn **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-HSBC Malta plc waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2022[6], u d-dokumenti minn esebiti, cioe: (a) ittra illi permezz tagħha ġiet revokata s-*sanction letter* maħruġa fil-konfrront ta' Neil Caruana (**Dok LA2** a fol 322 tal-proċess); (b) *sanction letter* dwar self meħud mill-HSBC Malta plc minn Neil Caruana (**Dok LA3** a fol 323 *et* seq tal-proċess); u (c) *sanction letter* dwar self meħud mill-HSBC Malta plc minn Gary Caruana (**Dok LA4** a fol 328 *et seq* tal-proċess);

19. Rat illi, waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2022, ir-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq;

20. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* mogħtija mill-**Ispettur Rennie Stivala** waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2022[7], kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami;

21. Semgħet ix-xhieda ta' **Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[8], u rat id-dokument minnha esebit, cioe kopja tal-verbal tas-seduta tal-għaxra (10) ta'Jannar 2018 fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Edward Caruana* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech, u d-dokumenti relattivi għall-istess verbal (a fol 350 *et seq* tal-proċess);

---

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 319 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 332 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 348 *et seq* tal-proċess

22. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **Edward Caruana** in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[9];

23. Rat illi, waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022, l-intimat ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'iressqu;

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tletin (30) ta' Novembru 2022 (a fol 416 *et seq* tal-proċess);

25. Rat in-nota ta' Edward Caruana illi permezz tagħha ġab a konjizzjoni tal-Qorti s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Sebestian Dalli vs Avukat tal-Istat et* (Rik Nru 370/2021/1) nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2022 illi huwa sostna tabbraċċja ma' diversi argumenti li ġab ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (a fol 439 *et seq* tal-proċess);

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġuntiva tal-intimati, datata tletin (30) ta' Jannar 2023 (a fol 473 *et seq* tal-proċess);

27. Rat illi din ir-referenza kostituzzjonali ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

28. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

29. L-ordni ta' ffriżar inħarġet permezz ta' digriet datat għaxra (10) ta' Jannar 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fit-termini tal-**Artikolu 23A(2) tal-Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta[10], illi jistabbilixxi:

> *(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess*

---

[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu in kontro-eżami tinsab a fol 407 *et seq* tal-proċess

[10] Vide verbal datat 10 ta' Jannar 2018 formanti parti mill-proċess tal-Kumpilazzjoni nru 475/2017 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Caruana Edward*, a fol 131 tal-proċess

*dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.*

Fit-termini tas-sub-inċiż (1) tal-istess Artikolu, l-"*Att*" huwa referenza għall-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi "*reat rilevanti*" huwa definit bħala *"kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena."*;

30. L-**Artikolu 5 tal-Kap 373** tal-Liġijiet ta' Malta, illi għalih issir referenza fl-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9, imbagħad jgħid hekk:

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il*

*elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu –*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*

*(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-akkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk għandu.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*

*(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.*

31. Finalment, l-**Artikolu 23A(5) tal-Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.*

32. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn leżjoni:

a. Tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta', kif sanċit mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; u

b. Tad-dritt tiegħu għal aċċess xieraq għal Qorti peress illi m'għandux rimedju ġust u effettiv li permezz tiegħu il-Qorti tista' tordna t-tħassir tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar, u konsegwentement tad-dritt ta' smigħ xieraq, kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mill-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**A. <u>Dritt għat-Tgawdija tal-Proprjeta</u>' *(Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea)***

33. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist -*

*(a) Għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) Li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun entitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(c) Li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*
*[...]*

34. L-intimati jeċċepixxu illi l-Artikolu 37 ma japplikax għall-każ odjern, u dan għal żewġ raġunijiet: (a) għaliex jitkellem fuq teħid ta' pussess u telf ta' interess b'mod obbligatorju mingħajr kumpens, filwaqt illi l-azzjoni odjerna hija dwar ċirkostanzi fejn ir-rikorrent ma tilifx l-interessi fil-proprjeta' tiegħu iżda sempliċiment ġew friżati; u (b) għaliex l-Artikolu 37(2)(h) jeskludi t-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' *"fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati"*;

35. Dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***George Tabone et vs Avukat Ġenerali et***[11], fejn ġie ritenut:

[11] Rik Kost Nru 48/2016, Qorti Kostituzzjonali, 5 t'Ottubru 2018

> *23. L-art. 37 iħares mhux biss kontra "deprivazzjoni totali" tal-proprjeta' iżda kontra t-teħid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjeta'. Il-ius abutendi – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjeta' – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjeta'. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta' interess fi proprjeta', u jintlaqat mill-art. 37.*

Din l-eċċezzjoni tal-intimati, għalhekk, tirriżulta infondata;

36. Dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati dwar l-Artikolu 37, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sebastiano Guccione et vs L-Avukat Ġenerali et***[12], fejn ingħad illi, minkejja illi dan is-sub-inċiż jippermetti d-deprivazzjoni tal-proprjeta', *"l-Istat xorta waħda kellu l-obbligu li jassigura li l-proċedura għal dan il-għan kienet tirrispetta l-ispirtu ta' protezzjoni tal-Artikolu tal-Konvenzjoni"*. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi l-mertu f'din is-sentenza kien divers minn dak odjern, iżda tqis illi l-interpretazzjoni tas-sub-inċiż (2)(h) tapplika xorta waħda għall-eċċezzjoni sollevata fil-każ in eżami. Lanqas tista' għalhekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati;

37. Madanakollu, il-fatt illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma jistgħux jiġu milqugħa, ma jfissirx illi awtomatikament tirriżulta leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

38. Il-Qrati nostrana konsistentement intepretaw l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fuq l-istess elementi illi jiġi interpretat l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea[13];

---

[12] Rik Kost Nru 46/2016, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2020
[13] Vide, *inter alia*, ***George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali*** op. cit.

39. Jiġi primarjament senjalat illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi illi:

> *Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

40. Hekk kif ġie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***Bradshaw and Others v. Malta***[14]:

> *51. The Court reiterates that in order for an interference to be compatible with Article 1 of Protocol No. 1 it must be lawful, be in the general interest and be proportionate, that is, it must strike a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (see, among many other authorities, Beyeler v. Italy (GC) no 33202/96, § 107, ECHR 2000-I, and J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. The United Kingdom (GC), no 44302/02, § 75, ECHR 2007-III).*

[14] Appl No 37121/15, 23 ta' Jannar 2019

41. Fit-termini ta' dan l-insenjament, għalhekk, tlieta huma l-elementi illi din il-Qorti għandha tindaga jekk jissussistux jew le, sabiex ma tirriżultax leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u cioe:

(a) Il-miżura trid tkun saret taħt qafas legali;

(b) L-iskop tagħha jrid ikun leġittimu;

(c) Irid jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

42. Jidher illi mhux qed jiġi kontestat illi l-miżura fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta **saru taħt qafas legali** u **għal għan leġittimu**. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jiddikjara, *"Jibda biex jingħad illi r-rikorrent huwa konxju li l-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali u li l-iskop tal-miżura jista' jservi għan leġittimu"*[15]. Dan huwa preċiżament dak illi ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Apostolovi v. Bulgaria***[16], u cioe illi Ordni ta' Qbid u Ffriżar hija, *"meant to ensure that the assets at issue would remain available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine; it thus pursued a legitimate aim in the general interest"*. Hekk ukoll, f'***Dzinic v. Croatia***[17], il-Qorti Ewropea ssostni, *"the application of provisional measures in the context of judicial proceedings, aimed at anticipating a possible confiscation of property, was in the "general interest" of the community. [...] The Court therefore accepts that the interference at issue pursued a legitimate aim."*

43. Jidher illi huwa fir-rigward tat-tielet element, u cioe l-element ta' **proporzjonalita'** bejn l-għan soċjali u t-tgawdija tar-rikorrent tad-drittijiet

[15] Vide p 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 420 tal-proċess
[16] App Nru 32644/09, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Ħames Sezzjoni), 7 ta' Frar 2020, § 94
[17] App Nru 38359/13, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Tieni Sezzjoni), 17 t'Awwissu 2016, § 65-66

fundamentali tiegħu illi l-aktar illi huma indirizzati l-vertenzi bejn il-partijiet fil-każ odjern;

44. L-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***, jgħidu:

> *While the state must indicate what 'general interest' is being served by the interference, it is unlikely to have its claim that the measure is necessary to secure it successfully challenged. But because Article 1/2* [jiġifieri, it-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll] *has been brought under the 'fair balance' umbrella, the Court may go on to investigate the lawfulness and the proportionality of the controlling measure. Apart from the lawfulness in national law of the measures of control, the state must show that the fair balance is satisfied, i.e. that, in the light of the public good underlying the control, the burden which falls on the individual is not excessive and that the measures are not disproportionate.*[18]

45. Fuq dan il-binarju ġiet deċiża l-kawża fl-ismijiet ***James and Others v. The United Kingdom***[19] mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn intqal:

> *Not only must a measure depriving a person of his property pursue, on the facts as well as in principle, a legitimate aim "in the public interest", but there must also be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, amongst others and mutatis mutandis, the above-mentioned Ashingdane judgement, Series A no. 93, pp.*

[18] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 687-688
[19] Appl Nr 8793/79, 21 ta' Frar 1986

*24-25, para. 57). This latter requirement was expressed in other terms in the Sporrong and Lönnroth judgement by the notion of the "fair balance" that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (Series A no. 52, p. 26, para. 69). The requisite balance will not be found if the person concerned has had to bear "an individual and excessive burden" (ibid., p. 28, para. 73). Although the Court was speaking in that judgement in the context of the general rule of peaceful enjoyment of property enunciated in the first sentence of the first paragraph, it pointed out that "the search for this balance is ... reflected in the structure of Article 1 (P1-1)" as a whole (ibid., p.26, para.69).*

46. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Apostolovi v. Bulgaria*** suċitata, il-Qorti Ewropea rriteniet:

*95. The main issue is whether there was a reasonable relationship of proportionality between that aim and the means employed to attain it.*

*96. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not as such open to criticism (see Džinić, § 68, and Uzan and Others, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid., as well as Piras, cited above, § 55). The available procedures as a whole must afford*

> *those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see Piras, § 55, and Uzan and Others, § 214, both cited above).*
>
> *97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures, seen as a whole, met this requirement.*

47. Ir-rikorrent isostni illi l-miżura meħuda ma żammitx bilanċ ġust u proporzjonat għas-segwenti raġunijiet:

(i) L-assi kollha tar-rikorrent sfaw maqbuda b'dan l-Ordni, anke assi li bl-ebda mod ma jistgħu raġjonevolment jitqiesu li ġejjin minn xi attivita' kriminali;

(ii) Ġie pruvat li r-rikorrent ma għamel l-ebda qligħ mill-allegazzjonijiet miġjuba kontrih, iżda l-Ordni xorta ma setgħetx tiġi revokata;

(iii) L-Avukat Ġenerali kien konxju illi m'hemm l-ebda prova li turi li Caruana rċieva xi rikavat kriminali, iżda xorta waħda talab li tinħareġ l-Ordni; u

(iv) L-ammont ta' €13,976.24 fis-sena li r-rikorrent jista' jipperċepixxi huwa baxx wisq, u qatt ma ġie emendat sabiex jirrifletti l-għoli tal-ħajja;

48. Din il-Qorti tirrileva illi minkejja illi huwa minnu illi l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar tagħmel *blanket freezing* tal-assi kollha tal-akkużat, dan ma jfissirx illi m'għandux numru ta' hekk imsejħa *"procedural safeguards"* illi permezz tagħhom jista', għal raġuni valida, jinnewtralizza jew itaffi xi ftit mill-inkonvenjent illi ġġib magħha ordni ta' din ix-xorta. Dan infatti huwa preċiżament dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza

mogħtija fl-ismijiet ***George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali*** suċitata, u cioe:

> *[L]-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjeta' kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilita' ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza.*

49. Il-Qorti tirriskontra ħames (5) possibilitajiet illi hija tikkonsidra *"procedural safeguards"* emerġenti mill-Artikoli 23A tal-Kap 9 u l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta:

   a. Il-possibilita' illi l-akkużat jirċievi somma ta' €13,976.24 fis-sena (*proviso* tal-Art 5(1) tal-Kap 373);

   b. Il-possibilita' illi jiġu awtorizzati mill-Qorti ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide* li jkunu saru qabel ma jkun ħareġ l-Ordni ta' Ffriżar (*proviso* tal-Art 5(1) tal-Kap 373);

   c. Il-possibilita' illi l-akkużat jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli, minkejja illi tali mobbli jew immobbli jkunu maqbuda (*proviso* tal-Art 5(1) tal-Kap 373);

   d. Il-possibilita' illi l-akkużat jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni f'ċirkostanzi partikolari (Art 5(3) tal-Kap 373);

   e. Il-possibilita' illi, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-Ordni, l-akkużat jitlob għar-revoka tal-ordni (Art 23A(5) tal-Kap 9);

50. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dawn il-proċeduri joħolqu preċiżament l-element ta' proporzjonalita' illi r-rikorrent isostni illi huwa nieqes. L-Artikolu

8 tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Iffriżar u l-Konfiska ta' Mezzi Strumentali u r-Rikavat minn Attivita' Kriminali fl-Unjoni Ewropea jistabbilixxi illi:

> *1. Member States shall take the necessary measures to ensure that the persons affected by the measures provided for under this Directive have the right to an effective remedy and a fair trial in order to uphold their rights.*
>
> *[...]*
>
> *3. The freezing order shall remain in force only for as long as it is necessary to preserve the property with a view to possible subsequent confiscation.*
>
> *4. Member States shall provide for the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court, in accordance with procedures provided for in national law. Such procedures may provide that the when the initial freezing order has been taken by a competent authority other than a judicial authority, such order shall first be submitted for validation or review to a judicial authority before it can be challenged before a court.*

51. Ir-rikorrent ma jistax jallega nuqqas ta' proporzjonalita' għaliex l-assi tiegħu kollha sfaw maqbuda, meta essenzjalment il-liġi tipprovdi proċedura illi permezz tagħha l-Qorti tista tintalab tibdel l-Ordni, b'dana illi, għalhekk, tibqa' milquta biss mill-Ordni *"property with a view to possible subsequent confiscation"*. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrent milli jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni b'tali mod illi ma tibqax milquta proprjeta' illi tal-provenjenza jew sors tagħha huwa kellu prova, bħal, per eżempju, proprjeta' akkwistata minn wirt. Infatti, il-Qorti tal-Maġistrati wriet b'mod ċar

illi kienet lesta illi tordna bdil fl-Ordni ta' Ffriżar meta rrivediet l-istess u ordnat illi tibqa' sekwestrata biss is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000)[20];

52. In oltre, lanqas jista' r-rikorrent jilmenta minn nuqqas ta' proporzjonalita' in kwantu s-somma illi huwa kien awtorizzat jipperċepixxi kienet fl-ammont ta' €13,976.24 fis-sena, somma illi huwa jikkonsidra waħda baxxa, meta, effettivament, huwa r-rikorrent stess illi jikkonferma in kontro-eżami, illi wliedu għandhom tletin (30) u tnejn u tletin (32) sena, b'dana illi għalhekk meta nħareġ l-Ordni ta' Ffriżar, minkejja illi kienu jirrisjedu miegħu, kienu maġġorenni[21]. Jikkonferma wkoll in kontro-eżami illi t-tfal kienu jaħdmu u kellhom il-pagi tagħhom, u li *freezing order* fil-konfront tagħhom jew ta' martu ma kienx hemm[22]. Għaldaqstant, effettivament, dak illi nbidel kien biss l-introjtu tar-rikorrent, u xejn iktar, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tasal tikkonkludi illi l-ammont ta' €13,976.24 jirrendi l-proċedura sproporzjonata;

53. In oltre, ir-rikorrent isostni fl-affidavit tiegħu[23] illi per kawża tal-*freezing order*, ġew revokati *sanction letters* illi kienu nħarġu mill-HSBC Malta plc fil-konfront t'uliedu rispettivi; madanakollu, din il-Qorti tinnota illi l-ittra ta' revoka tas-*sanction letter* fir-rigward ta' Neil Caruana hija datata tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2017[24], filwaqt illi l-ittra ta' revoka tas-*sanction letter* fir-rigward ta' Gary Caruana hija datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2017[25]. Dan huwa ferm qabel il-ħruġ tal-Ordni ta' Ffriżar nhar l-għaxra (10) ta' Jannar 2018. Ma tarax għalhekk din il-Qorti kif l-Ordni ta' Ffriżar setgħet affettwat l-applikazzjonijiet ta' wlied ir-rikorrent għal self mill-HSBC Malta plc meta l-ittri ta' revoka ħarġu fi żmien meta r-rikorrent kien għadu lanqas biss tressaq b'akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Lanqas għalhekk ma tista din il-Qorti tirriskontra illi l-effett tal-

---

[20] Vide digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja datat 2 ta' Novembru 2021 (kif emendat) a fol 316 tal-proċess
[21] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu in kontro-eżami, a fol 409 tal-proċess
[22] Ibid, a fol 410 tal-proċess
[23] Vide par 'c' fl-affidavit tar-rikorrent, a fol 39 tal-proċess
[24] Vide **Dok LA2** esebita minn **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-HSBC Malta plc, a fol 322 tal-proċess
[25] Vide **Dok GA1** anness mal-affidavit ta' Gary Caruana a fol 273 tal-proċess

Ordni ta' Ffriżar kien sproporzjonat għaliex per konsegwenza tiegħu batew terzi, għax effettivament, l-unika persuna illi kienet milquta mill-Ordni ta' Ffriżar kien ir-rikorrent u l-assi tiegħu. Dan, naturalment, dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt illi r-rikorrent kellu kull dritt illi fi kwalunkwe punt tal-proċeduri miġjuba fil-konfront tiegħu, jitlob bidla fl-Ordni ta' Ffriżar għal raġunijiet validi, bħal, per eżempju, emerġenza medika jew ħlas ta' spejjeż addizzjonali għall-kura illi setgħet kienet tirrikjedi martu[26];

54. Finalment, f'dak illi jirrigwarda l-possibilta' illi wieħed jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9, din il-Qorti tqis illi din il-proċedura tissodisfa, fi kliem id-Direttiva, *"the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court"*. Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et*** esebita in atti mir-rikorrent, tikkonferma preċiżament illi l-appell mill-ħruġ tal-Ordni ta' Ffriżar fi żmien tlett (3) ijiem mid-digriet illi permezz tiegħu jinħareġ il-ħruġ, huwa rimedju effettiv u jista' jitqies bħala dak illi l-Qorti Ewropea ssejjaħ *"procedural safegaurd"*. Il-Qorti Kostituzzjonali, f'***Dalli***, tinnota illi fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta (b'mod simili għall-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta), hemm żewġ tipi ta' Ordni ta' Ffriżar: dak illi jibqa' fis-seħħ sa tmiem il-proċeduri (fit-termini tal-Artikolu 22A(1)), u dak temporanju (fit-termini tal-Artikolu 22A(7)), cioe *"Ordni ta' Iffriżar distinti, minkejja li għandhom l-istess effett, u li huma ntiżi sabiex jaqdu għanijiet differenti"*. Pero, imbagħad, id-dritt t'appell fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tinħareġ l-Ordni fl-Artikolu 22A(9) tal-Kap 101 japplika biss fir-rigward ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(7), u mhux rigward Ordni ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(1). Il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat illi fil-każ ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ fit-termini tal-Artikolu 22A(1), *"m'hemm l-ebda dritt ta' appell kontra l-Ordni tal-Iffriżar"*, filwaqt illi fil-każ ta' Ordni maħruġa fit-termini tal-Artikolu 22A(7), *"il-prosekuzzjoni għandha dritt tagħmel appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li ma toħroġx ai termini tal-Artikolu 22A(1)* ***skont kif provdut l-***

[26] Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, ir-rikorrent jikkonferma li huwa qatt ma ġab xi prova quddiem il-Qorti tal-Maġistrati illi kellu xi spejjeż addizzjonali minħabba l-kundizzjoni medika ta' martu (a fol 411 tal-proċess)

***Artikolu 22A(8)**, u l-akkużat għandu dritt jagħmel appell kontra l-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar taħt l-artikolu 22A(7) **skont kif provdut fl-Artikolu 22A(9)**."*
F'***Dalli***, l-Ordni ta' Ffriżar kienet inħarġet fit-termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101, u l-Qorti Kostituzzjonali qalet,

> *Din id-Direttiva* [cioe d-Direttiva 2014/42/UE] *tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affettwata għandu jkollha possibilita' effettiva li tikkontesta dik l-ordni. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.*

Kien għalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-każ in eżami, fejn l-Artikolu 23A tal-Kap 9 offra lir-rikorrent il-possibilita' illi jikkontesta l-Ordni maħruġa fil-konfront tiegħu, rimedju illi r-rikorrent għażel illi ma jirrikorrix għalih;

55. Dakinhar illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed bil-ġurament Giovann Vella[27], illi, mix-xhieda tiegħu inserita in atti[28], din il-Qorti tieħu l-impressjoni illi kien wieħed mix-xhieda prinċipali (jekk mhux ix-xhud prinċipali) tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali miġjuba fil-konfront ta' Edward Caruana. Difatti, fix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala illi wasslet sabiex ir-rikorrent jintavola rikors b'talba sabiex l-Ordni ta' Ffriżar jiġi revokat, saret is-segwenti linja ta' mistoqsijiet:

---

[27] Vide kopja tal-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, formanti parti minn**Dok SCT1** a fol 350 tal-proċess
[28] Vide kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda formanti parti minn **Dok SCT1**, a fol 353 *et seq* tal-proċess

| | |
|---|---|
| *Avukat* | *Issa eventwalment intom, kemm Pulizija kif ukoll l-Avukat Ġenerali, għalaqtu l-provi, għalaqtu l-provi, ħarġu l-artikoli, naqblu illi effettivament ma jirriżultax mill-provi illi għaddew xi flejjes għand Edward Caruana u allura m'għadx hemm bżonn dil-freezing order?* |
| *Stivala* | *Ara, mill-atti jirriżulta, kif xehed ix-xhud Vella, illi dana intalab jagħmel ħlas u l-ħlas m'għamlux.* |
| *Avukat* | *Jiġifieri nistgħu naqblu illi effettivament flejjes għand Edward Caruana qatt m'għaddew?* |
| *Stivala* | *M'hemmx – sa fejn naf jien m'hemmx prova f'ta' dawn, f'dawn l-atti.* |

Din il-Qorti hija edotta biss mill-fatti saljenti taċ-ċirkostanzi illi fihom inġabu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent; iżda minn din ix-xhieda biss tista' tikkonstata illi x-xhieda ta' Giovann Vella kienet xhieda kruċjali għall-każ tal-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant, ġialadarba fl-istess seduta illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed ukoll l-istess Giovann Vella, u mix-xhieda tiegħu rriżulta illi flus m'għaddewx minn idejh għal idejn ir-rikorrent, ir-rikorrent ġia kellu arma f'idu illi a bażi tagħha seta' jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar. Huwa biss fil-każ illi tali proċedura ma tirnexxix illi seta' mbagħad forsi r-rikorrent jasal jilmenta minn nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-interess pubbliku u t-tgawdija tiegħu tad-drittijiet tiegħu, jekk iqis illi l-element ta' proporzjonalita' xorta ma ġiex sodisfatt. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi l-

fatt innifsu illi l-liġi toffri l-possibilta' ta' appell minn Ordni ta' Ffriżar, huwa suffiċjenti sabiex jissussisti l-element ta' proporzjonalita' rikjest;

56. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti hija konvinta illi l-liġi tipprovdi mekkaniżmi adegwati illi permezz tagħhom jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali;

57. Konsegwentement, din il-Qorti **ma ssibx leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.

**B. Dritt għal Aċċess Xieraq għal Qorti u Dritt ta' Smigħ Xieraq *(Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikoli 6(1) tal-Konvenjoni Ewropea)***

58. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi:

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

59. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk*

*teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma talqorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

Fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jagħmel ukoll referenza għall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jsostni illi:

*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*

60. Ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt t'aċċess tiegħu għall-Qorti, stante illi l-Kapitolu 373 u l-Kapitolu 621 ma jippermettux lill-imputat l-opportunita', fil-mori tal-proċeduri kriminali, li jirribatti l-preżunzjoni jew tal-inqas iġib provi sabiex juri s-sors leġittimu ta' assi li ġew akkwistati qabel l-akkużi;

61. Għal raġunijiet illi diġa ġew delineati aktar 'il fuq, din il-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent f'dan ir-rigward. L-Artikolu 5(3) tal-Kap 373 jawtorizza lil Qorti sabiex tagħmel bidla fl-Ordni ta' Ffriżar minnha maħruġa, b'dana illi għalhekk ir-rikorrent kellu d-dritt u l-opportunita' illi t-talba illi għamel permezz tar-rikors tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021, liema talba wasslet biex l-Ordni ta' Ffriżar ġiet riveduta u limitata għas-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000), jagħmilha qabel, b'dana illi jippreżenta l-provi kollha li kellu dwar proprjeta' illi ma kien hemm l-ebda dubju dwar is-sors / provenjenza leġittima tagħha u jitlob ir-rilaxx konsegwenzjali tal-istess proprjeta' mill-effetti tal-Ordni. Difatti, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet

***Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat***[29] minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, il-Qorti nnotat illi r-rikorrent f'dak il-każ, kien talab u kiseb ir-rilaxx ta' proprjeta' ġejja minn wirt;

62. In oltre, din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għal dak illi ngħad aktar 'il fuq rigward ir-rimedju mogħti mill-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-prinċipji delineati f'dan ir-rigward, u tapplikahom ukoll fil-kuntest tad-dritt fondamentali għal rimedju effettiv. Din il-Qorti tqis illi l-fatt illi r-rikorrent huwa mogħti d-dritt illi jappella mill-ħruġ t'Ordni ta' Ffriżar, huwa minnu nnifsu rimedju effettiv, u dan b'mod partikolari fil-każ odjern, meta, fid-data illi fiha nħareġ l-Ordni ta' Ffriżar – (a) wieħed mix-xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni kien ġia xehed, u (b) l-Ordni ta' Ffriżar inħarġet waqt l-ewwel seduta fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u mhux waqt il-*preżentata*, b'dana għalhekk illi r-rikorrent ġia kellu idea tal-akkużi illi qed jinġiebu fil-konfront tiegħu, u seta' jantiċipa illi l-Prosekuzzjoni kienet, f'xi punt, ser titlob il-ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar, b'dana illi kellu għalhekk ċans adegwat sabiex jipprepara ruħu sabiex jintavola l-appell fit-tlett ijiem stabbiliti mill-Artikolu 23A(5);

63. Finalment, in kwantu illi r-rikorrent qiegħed jilmenta minn dewmien, għaliex isostni illi l-Prosekuzzjoni damet erba' snin biex għalqet il-provi tagħha, din il-Qorti tinnota illi l-Ordni ta' Ffriżar effettivament ma damitx in vigore fuq l-assi tar-rikorrent kollu tul l-erba' snin, iżda ġiet ridotta wara sentejn u nofs. Il-Qorti tikkonċedi illi Ordni ta' Ffriżar fuq l-assi kollha huwa inkonvenjent u jista' jikkawża tbatija lill-persuna affettwata minnu, iżda madanakollu, il-Qorti tirrikonoxxi wkoll il-fatt illi l-effetti tal-Ordni ta' Ffriżar baqgħu fl-istat ma ġew qatt limitati riżultat ta' nuqqas t'azzjoni da parti tar-rikorrent stess;

64. In konsiderazzjoni tal-premess, **din il-Qorti ma ssibx leżjoni tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

[29] Rik Kost Nru 61/2022, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ G Mercieca, 7 ta' Frar 20022 (appellata)

**Decide**

65. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeċiedi dwar ir-referenza kostituzzjonali lilha magħmula billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent; u konsegwentement

ii. **<u>Tiċħad</u>** il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrent, stante illi huma konsegwenzjali għall-ewwel tliet talbiet tiegħu.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent Edward Caruana.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**